MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 79/2002/1

**Alison Ahmed**

**vs.**

**Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tad-9 ta' April 2003 gew appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti Ahmed Mohammed Ahmed**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attrici iltaqghet mal-konvenut meta hija kien ghad ghandha tmintax il-sena (18), u wara hames (5) xhur gherusija, l-attrici u l-konvenut zzewgu bir-registru civili;

Illi l-attrici damet tghix mal-konvenut ghal perjodu ta' sena, wara liema zmien l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u

kien iqatta hafna zmien barra minn Malta. Illi l-attrici ma kienitx tkun taf fejn qed imur l-konvenut, li huwa ta' nazzjonalita' Egizzjana;

Illi l-attrici wara z-zwieg gie a konoxxenza taghha li l-konvenut zzewwigha limitatament bl-iskop li huwa jkun jista' jghix f'Malta minghajr inkwiet mal-Awtoritajiet, kwantu ghal ligijiet ta' immigrazzjoni Maltin;

Illi presentement, l-konvenut ma' ghadux jghix hawn Malta u l-attrici ma' ghandhiex informazzjoni dwar l-indirizz tal-konvenut;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg nnifsu, jew ta' xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tal-konvenut;

Illi l-konvenut *in effetti* abbanduna lill-attrici;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid, ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol.4;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 25 ta' Jannar 2002, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ahmed Mohammed Ahmed fl-atti kollha relattivi u sussegwenti prevja l-hrug tas-soliti bandi;

Rat id-digriet datat 9 ta' April 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u nnominat lill-Avukat Dr. Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali PL Louisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finjiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota datata 23 ta' Mejju ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati b'digriet tad-9 ta' April 2003, kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti Ahmed Mohammed Ahmed fejn eccepew:-

(1) Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

(2) Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi nomine u l-lista tax-xhieda a. fol 26 tal-process;

Rat il-verbal tas-19 ta' Gunju 2003;

Rat in-nota tal-attrici datata 2 ta' Settembru 2003 li permezz taghha esibit l-affidavit taghha u dak ta' Grace Micallef;

Rat il-verbal tal-4 ta' Novembru 2003 fejn il-kawza giet diferita tas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena llum ghandi erbgha u ghoxrin sena (24). Meta zzewigt lill-konvenut kelli tmintax il-sena (18) u kont ili nafu madwar xi hames (5) xhur qabel izzewwigt. Jiena niftakar li habiba tieghi certu Gracey Cacciattolo kienet habiba ta' hu l-konvenut. Dak iz-zmien Gracey kienet tohrog ma' din il-persuna u ftehma li jiena nibda nohrog mal-konvenut. Kien hekk li jiena iltqajt ma' din il-persuna".*

*"Illi waqt l-erghusija jekk tista' ssejhila hekk il-konvenut qatt ma' dahal id-dar ghand il-genituri tieghi. Il-konvenut kien hajjarni biex nizzewgu ghaliex skond hu ried li jifforma familja. Jiena accettajt u dana minkejja l-oggezzjoni tal-familjari tieghi. Nghid is-sewwa dak iz-zmien kont hsibt li billi nidhol fiz-zwieg kont ser "nikber" u nigi klassifikata mal-kbar. S'intendi wara ndunajt bl-izball kbir li kont ghamilt".*

*"Illi nghid li waqt l-erghusija ftit li xejn kellna nkwiet u konna niltaqghu ta' spiss. Irrid nghid li dwar dina taz-zwieg pero' ghaliha kienet qisha "avventura" sabiha u ftit li xejn hsibt dwar il-konsegwenzi. Difatti jiena zzewigt bir-registru civili biss".*

*"Illi nghid ukoll li waqt l-erghusija l-konvenut kien ta' spiss jirriskontra problemi mal-Puluzija fis-sens li kienet tiskadi l-viza biex huwa jkun jista jibqa' hawn Malta. Dak iz-zmien jiena ftit li xejn kont naghti kaz ta' dina l-problema. Illum nghid li l-konvenut ried li jhaffef iz-zwieg tieghu mieghi biex ikun jista' jibqa' hawn Malta".*

*"Illi wara z-zwieg kont krejt flat fil-Gzira pero' minn l-ewwel bdew id-diffkultajiet peress li jiena kont inhallas kollox mill-paga tieghi u cioe' l-kera tal-post, spejjez tal-hajja etc. Minkejja li l-konvenut kien jahdem bhala bennej, huwa qatt ma gab flus lejn id-dar".*

*"Illi rrid nghid li waqt iz-zwieg il-konvenut kien regolarment johrog wahdu. Hu kien jghidli li kien ikun ma' huh, pero tal-familja gieli rawh barra filghaxija wahdu. Fil-weekend konna nohorgu flimkien, f'xi l-hdax (11) iwassal lili d-dar u wara kien johrog ghar-rasu. Din kienet idejjani hafna".*

*"Illi problema ohra li kelli nghaddi minnha kienet dik tas-swat kbir kontinwu. Kont nigi msawta ghal kull haga ta' xejn u sahansitra kien anke jaqlali xaghri bis-swat. Il-konvenut kien iqatta verament ftit hin id-dar, kwazi kwazi kull ma' kien jaghmel id-dar kienu xi tlitt sieghat kuljum, il-bqija jew ix-xoghol jew barra filghaxija".*

*“Illi tfal miz-zwieg ma kellniex peress li l-konvenut kien tal-fehma li ma’ jkollniex tfal u dana peress li huwa nsista li ghal bidu ma’ jkollniex dak li skond huwa kien “irbit”. Il-konvenut kien jinsisti li jiena niehu l-pill sabiex ma’ ninqabadx tqila. Jiena peress li zewgi kien ta’ nazzjonalita Egizzjana sibtha stramba kif minkejja l-uzanzi u d-drawwiet ta’ dawn in-nies, il-konvenut kuntrarjament ghal dak li solitu jigri ma’ riedx tfal”.*

*“Illi nghid li wara peress li ommi ndunat bil-problema tas-swat, kont irrangajt biex jiena u l-konvenut nghixu fi flat fuq id-dar ta’ ommi. Darba minnhom kien qalli li sejjer jahdem il-Germanja. Jiena hadt xokk u ilmentajt mieghu, pero’ huwa kien insista li jmur. Huwa mar, minghajr ma’ tani ndirizz jew telephone fejn kien. Jiena ma stajt incempel jew naghmel kuntatt mieghu. Il-Germanja l-konvenut kien telaq f’Ottubru 1999. Minn dak iz-zmien kull ma’ gie lura Malta kien darbtejn. L-ewwel darba wara xi erba’ xhur minn meta telaq u t-tieni darba wara xi sena zmien”.*

*“Illi rrid nghid li lili qatt ma’ qaluli jew hallewni immur l-airport biex nilqa’ lil zewgi. Illum nghid li dan kien isir biex jiena ma’ nkunx naf zewgi minn liema pajjiz kien jigi lura”.*

*“Illi fit-tieni okkazzjoni li gie Malta, naf li hu r-ragel tieghi, kellu bzonn loan ta’ xi Lm3,000. Peress li huh ma’ setghax jirranga ghas-self, spiccajt hadt loan jiena u ssellift kollox jiena. Il-bank ma’ setghax johrog il-loan u ghalhekk gie zewgi minn barra u hadna s-self flimkien. Kif lestejna dina l-kwistjoni l-konvenut telaq u ma’ rgajt rajtu qatt sal-gurnata tal-llum”.*

*“Illi nghid li darba rcevejt telefonata mill-Germanja u wiehed mill-hbieb tieghu qalli li l-konvenut kien qed jghix fl-Izvizzera ma’ xi mara ohra”.*
*“Illi nghid li llum jiena nghix wahdi u fis-sentejn (bl-erghusija b’kollox) li ghamilt mal-konvenut hajti kienet spiccat ghal kollox, u l-“avventura” taz-zwieg kienet swienti hafna. Ghandi sens ta’ rabja ghaliha nnifsi ghaliex fdajt wisq pero llum nixtieq li nerga’ nkun nista’nibda hajti mill-gdid.”*

Illi gietipprezentata wkoll ix-xhieda ta’ **Grace Micallef** li hija l-omm l-attrici permezz tal-procedura tal-affidavit (fol. 34) fejn sostniet li hija saret taf li bintha ser tizzewweg biss fl-ahhar, u ghalkemm oggezzjonat ghal-istess rabta, xorta sar iz-zwieg. Spjegat il-konsegwenzi tal-istess fejn qalet li giet informata li l-konvenut kien issawwat lill-martu u ghalhekk ghamlet li setghet sabiex bintha tigi toqghod f’post fuqha. Kienet tisma’ lill-kontendenti jigieldu u spiss rat lill-konvenut jistenna wahdu fuq bank fix-xatt ta’ tas-Sliema u ghalkemm kien jghid li qed jistenna lill huh, x-xhud ma emnitux ghaliex huh ma kienx joqghod hemm. Kemm ilu li l-konvenut abbandana lill bintha, din hadhet ir-ruh u ma tafx il-konvenut fejn qieghed ghaliex huwa qatt ma qallilhom; hija konvinta li l-konvenut izzewweg lill-attrici sabiex ikun jista’ jghix hawn Malta.

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (a) u (f) u tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti li z-zwieg bejnha u bejn Ahmed Mohammed Ahmed ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta’ l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li:-

*"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Testa vs Louise Testa Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet*

*minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or*

*because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi l-kawsali l-ohra li l-attrici bbazat fuqha hija dik skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta'Malta** li tipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga".*

Illi ghalhekk jidher li l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu* ***19 (1) (c)*** *gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

**<u>iii) Apprezzament Tal-Provi.</u>**

Illi mill-provi prodotti dan jirrizulta li huwa kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza fejn jidher car li l-istess konvenut izzeweg lill-attrici ghall skop wiehed biss u cjoe' sabiex jisserva biha u jakkwista stat ta' ragel mizzewweg lill-persuna Maltija, li kienet tiffacilitalhu l-hajja tieghu f'dan il-pajjiz, fuq kollox ghall-iskop ta' permanenza.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher li qabel iz-zwieg huwa ghaggel lill-attrici biex tizzewwgu u fil-fatt gie b'hafna karezzi, izda wara z-zwieg civili, dan spicca kollox ghaliex beda' jew ahjar baqa' jghix ta' guvni, qatt ma mantna lill-attrici, jidher li kellhu relazzjonijiet ta' persuni ohra, anke ghaliex rari kien ikun id-dar, kien issawwat mid-dehra kontinwament lill-attrici, u fl-ahharnett abbanduna lill-istess attrici.

Illi dan il-komportament tieghu huwa riflessjoni tal-fatt li l-istess konvenut issimula l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, peress jidher innkontestat li huwa qatt ma kellhu l-intenzjoni li jghix u jagixxi ta' ragel mizzewweg mal-attrici, u f'din il-kawza din il-Qorti kull ma tista; tara mill-provi prodotti huwa biss sfruttament car min-naha tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

Illi apparti dan jidher li l-istess konvenut ghamilha kondizzjoni taz-zwieg tieghu li huwa ma jkollhux wild mir-relazzjoni tieghu mal-attrici, u dan fih innifsu huwa wkoll eskluzzjoni ta' wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li hija relazzjoni mibnija fuq l-imhabba u l-gid komunjoni tal-koppja li timmira li tistabilixxi familja bil-prokreazzjoni ta' l-

ulied. Izda dan kollu fil-fatt jikkonferma li l-konvenut izzewweg lill-attrici ghall skopijiet egoistici tieghu, u l-attrici kienet biss il-mezz li huwa jakkwista l-istatus ta' ragel mizzewweg mara Maltija, bil-vantaggi li l-istess konvenut ra f'din il-posizzjoni u xejn izjed; ghalih l-attrici ma kienet tfisser xejn, u uzaha bl-iktar mod indinjituz li wiehed jista' jimmagina, meta tratta bhala oggett u xejn izjed, tant li meta ma kienitx taqbel mieghu jidher li kellhu, kif jghid il-Malti, *'idejh hafifa'* w assoggetta lill-attrici ghall vjolenza domestika, li turi n-nuqqas ta' rispett li l-istess konvenut kellhu ghall-attrici, u l-mod hazin li huwa tratta l-attrici, sakemm kiesah u biered abbandunaha sabiex mar jghix f'pajjiz iehor.

Illi f'dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cioe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament" .*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Spiteri vs Dr. Claudine Galea et nomine"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Marzu 2003) fi kliem il-gurista ***Castano***:-

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o*

*mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"**

(P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs. Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua"** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn *Malta,* u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li dan kien l-iskop uniku tal-konvenut sabiex jizzewweg lill-attrici u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi minhabba l-premess din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol sabiex tezamina l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** stante li f'dan l-istadju din hija biss kwistjoni akkademika u xejn izjed.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti fit-tmienja (8) ta' Gunju 1997 huwa null u bla effett legali skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut assenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------